MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 32

[Nhar il-Ħamis il-15 ta' Diċembru 2016]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 283/1 Rue D'Argens, il-Gżira], fil-5.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Wayne Hewitt – Kunsillier
Graziella Schembri – Kunsilliera
Jeremy Cardona– Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Joseph Galea – Kunsillier

### ASSENTI

N/A

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Conrad Borg Manche ippresjeda l-laqgħa.

## 32.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

32.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra tal-apoloġija mill-kunsillier, is-sur Joseph Galea. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv qablu li għandu jkun assenti b'apoloġija peress illi kellu jattendi appuntament mediku u kien għaraf il-Kunsill ħames t'ijiem qabel il-laqgħa.

32.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-sur Ralph Mangion se jkun ftit tard.

## 32.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

32.2.1 B'referenza għal punt 30.2.1, is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kunsillier Joseph Galea kien spjega li waqt id-diskors hu kien kontra t-talba tas-sur Martin Else, u mhux kontra t-talba tal-AJM Malta. Fl-assenza tiegħu, is-Segretarju Eżekuttiv qal illi xtaq jiċċara l-affari mal-Kunsill.

32.2.2 B'referenza għal punt nru. 30.2.2 is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandna nirċievu risposta mit-Traffic Committee ta' TM.

32.2.3 B'referenza għal punt nru. 31.3.2, is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm bżonn ta' kumitat u li għandu bżonn lista ta' kandidati mill-kunsilliera.

Is-sur Ralph Mangion daħal fis-5.55pm

32.2.4 B'referenza għal punt nru. 31.3.3, il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi l-istage mhix qed tintuża. Qal illi ċempel lil TM u huma qalu li se jagħmlu tabella.

32.2.5 B'referenza għal punt dwar il-One Way System, is-Segretarju Eżekuttiv qal illi lesta ittra għar-residenti kollha fl-area ħalli jkunu jafu bid-deċiżjoni tal-Kunsill.

32.2.6 Rigward is-sistema tat-traffiku il-ġdida, il-Kunsill qabel illi noħorġu avviż fuq il-facebook biex naraw x'suġġerimenti għandhom in-nies u min jixtieq ikun parti mill-Kumitat.

32.2.7 B'referenza għal punt 31.5.3 il-kunsilliera Graziella Schembri qalet illi taqbel mal-KNPD iżda hemm bżonn skema nazzjonali. Qalet illi fil-fehma tagħha l-Kunsill ma jistax jagħmel kull post aċċessibbli minħabba r-restrizzjonijiet illi għandna. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandna nieħdu ħsieb l-ilmenti li jaslu għandna. Qal ukoll illi bagħat emajl lir-rapprezentant tal-KNPD biex jiġi jiltaqa' miegħu ħalli jmorru fejn il-knisja u triq Turu Rizzo flimkien.

Il-kunsilliera Graziella Schembri pproponiet illi għandna nkunu pro-attivi u għandna nidentifikaw areas oħra fejn għandna bżonn intejbu l-aċċess. Is-Sindku ssekondja l-proposta.

32.2.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi f'Jannar il-kuntrattur se jibda jieħu ħsieb ix-xogħol fuq l-istage 'Vilhena'.

## 32.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

32.3.1 Is-Sindku qal illi rċevejna talba biex nagħmlu sleeping police f'triq Luqa Briffa c/w Sliema Road kif ukoll f'triq Luqa Briffa c/w triq Manoel. Il-Kunsill approva.

32.3.2 Is-Sindku fakkar lill-kunsilliera dwar il-korrespondenza li kien hemm bejniethom ħalli l-Kunsill jorganizza l-inawgurazzjoni tal-proġett 'Bieb il-Gżira'. Il-Kunsill qabel illi nistiedu persuna li hu studjuż ta' l-istorja mill-lokal, kif ukoll lil Muscat Motors illi ħadu ħsieb ix-xogħol. Kien hemm qbil illi nlestu lapida u ftit informazzjoni rigward il-proġett. Il-Kunsill għandu jiftiehem id-data b'emajl. Is-Sindku ppropona li nieħdu ħsieb l-inawgurazzjoni tal-bust tal-knisja u għandu jkun mistieden il-Kappillan. Il-Kunsill qabel. Se ssir talba lil banda biex jiġu jdoqqu waqt l-attivita peress illi Dun Carlo Manche kien il-fondatur tal-Banda.

32.3.3 Kien hemm qbil illi l-Kunsill jixtri 2 units anti-slip għal mal-bankini. Il-Kunsill qabel. Dawn il-units se jiswew ftit inqas minn €1000.

32.3.4 Is-Sindku rċieva ittra minn perit li jgħix fil-lokalita fejn ħoloq idea biex nieħdu ħsieb pjan strateġiku biex intejbu l-zoni pubbliċi fil-lokalita. Is-Sindku qal illi bħala lokalita għandna ngawdu l-benefiċċji ta' dan fejn il-kuntratturi ikollhom irwol siewi fix-xogħolijiet fejn jidħlu f'PPP biex ċerti proġetti infrastrutturali jiġu . Qal illi għandhom jagħmlu 'pool' bejniethom.
Il-kunsillier Wayne Hewitt staqsa x'se jgawdu l-kuntratturi li jidħlu għaliha. Is-Sindku qal illi kulħadd jaqbilu jsebbaħ l-areas madwar il-'businesses' tagħhom. Żied illi l-pjan se tiswa madwar €27,000. Il-kunsilliera Wayne Hewitt u Neville Chetcuti staqsu jekk il-Kunsill se joħroġ il-flus.
Kien hemm qbil mal-proposta tal-kunsillier Wayne Hewitt illi nirċievu preżentazzjoni dwar il-pjan u nimxu minn hemm.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi f'każ illi se nieħdu flus mill-businesses għall-Urban Improvement, hemm bżonn illi noħorġu Bye-law.
Il-kunsillier Wayne Hewitt qal illi qatt m'għandna ngħidu le meta hemm opportunita li nagħmlu ġid għar-residenti imma qal illi għandna nkunu ċerti li ma jiġrix l-istess ħaġa bħal ma ġara bil-masterplan ta' Paceville.

32.3.5 Is-Sindku qara talba mill-Każin tal-Banda biex inħalsu €200 għall-kunċert tal-Banda li kien hemm fl-14 ta' Diċembru b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali. Il-kunsilliera qablu. Il-kunsillier Wayne Hewitt qal illi hu favur illi ngħinu iżda jixtieq illi nirċievu mingħandhom qabel ħalli jiġu approvati qabel l-attivitajiet. Il-kunsillier Neville

Chetcuti qal illi m'għamlux referenza għall-Kunsill fil-posters tagħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv għaraf lill-Kunsill illi għanda dritt noħorġu spejjez biss f'każijiet illi l-attivitajiet isiru b'kollaborazzjoni mal-Kunsill.

32.3.6 L-'event organiser' tal-Kunsill bagħat emajl bil-proposti tiegħu għall-attivitajiet ta' 2017 fejn fosthom jixtieq jippjana attivitajiet għall-Għid, il-Karnival, Jum il-Gżira, Fund Raising u attività fis-sajf. Il-Kunsill qabel illi jkun hemm kumitat u jieħdu ħsieb dawn l-attivitajiet bl-approvazzjoni tal-Kunsill.
Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi jixtieq ikun jaf x'qed jiġri qabel kull event u mhux li l-kunsilliera ma jkunu jafu xejn.
Is-Sindku qal illi jixtieq jagħmel attività fejn l-entitajiet kollha jkunu nvoluti u mhux isiru attivitajiet separati ta' kull entita.

32.3.7 Is-Sindku rċieva korrispondenza mill-kumitat tal-Banda fejn talbu lill-Kunsill biex jieħdu deċiżjoni rigward is-servizz tal-banda għal Jum Il-Gżira. Il-Kunsill qabel illi jdoqqu bħas-snin preċedenti.

## 32.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

32.4.1 Il-Viċi Sindku Ralph Mangion staqsa dwar il-possibilita li jsiru iżjed MC Bays madwar il-lokalita. Is-Segretarju Eżekuttiv ħareġ il-gwidi ta' TM u qal illi għandna nimxu magħhom. Il-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv se jduru t-toroq fil-ġranet illi ġejjin biex jaraw fejn għandhom isiru dawn il-bays. Il-Viċi Sindku staqsa wkoll dwar il-possibilita li jsiru parking bays fejn il-Policlinic. Hu għandu jmur mas-Segretarju Eżekuttiv fuq il-post ħalli jaraw x'possibilitajiet hemm.

32.4.2 Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-possibilita li nirranġaw is-sleeping police madwar il-lokalita. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa għal lista ta' dawn l-isleeeping police u se jaħdem fuq tender.

32.4.3 Il-kunsillier Wayne Hewitt talab update rigward l-EOI li kien ħareġ il-Kunsill fil-bidu tas-sena għal EU Consultant. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma kienx jaf dwar l-EOI iżda li l-Kunsill ma jistax jieħu deċiżjoni minn EOI biss. Se jara l-ispecs u jagħti l-istruzzjonijiet kif għandna nimxu.

## 32.5 Rapporti

32.5.1 Is-Sindku qara r-rapport fuq l-impjegati kollha tal-Kunsill. Qal illi hu kuntent ħafna bix-xogħol illi jagħmlu u ssuġġerixxa li jieħdu 6% Performance Bonus. Il-Viċi Sindku ssekondja l-proposta.
Fuq dan il-punt is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll talba għall-approvazzjoni tal-leave tal-impjegati fejn dawn kienu ntintolati għal 4.75hrs [Impjegat A], 7.75hrs [Impjegat B] u 24hrs [Impjegat C]. Dwar impjegat A s-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-sena l-oħra l-Kunsill kien approva li juża 243hrs leave avolja wieħed jista jakkumula biss 48hrs. Qal illi ma kien hemm xejn miktub fil-Minuti avolja fir-risposta tal-Management Letter kien hemm miktub illi l-Kunsill qabel li dan jakkumula l-leave, u li s-Segretarju

Eżekuttiv kellu jirranġa l-Minuti. Il-kunsillier Wayne Hewitt qal illi kienu ddiskuttew is-suġġett u li kienu qablu li dan jieħu l-leave iżda ma kienux jafu dwar Art 19 tal-Human Resources. Is-Sindku spjega li dan kien intintolat għal leave peress illi fil-passat ma kienx hemm staff fil-Kunsill u dan l-impjegat ma setax jieħu leave għal perjodu twil. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jixtieq l-approvazzjoni tad-DLG qabel ma jingħata l-leave extra. Il-kunsillier Wayne Hewitt ippropona li dan jieħu l-leave dovut lilu [ta' 243hrs barra mil-leave tas-sena] fis-sena 2017, bl-approvazzjoni tad-DLG, u li għandu jlesti kalendarju fejn jindika meta se jieħu l-leave. Is-Sindku ssekondja l-proposta.

32.5.2 Is-Segretarju qal illi ma setax jaħdem fuq ir-rapport rigward RESERVED u Un/Loading peress illi għandu jirċievi informazzjoni minn ftit kunsilliera.

32.5.3 Il-kunsillier Wayne Hewitt qal illi fil-fehma tiegħu l-ebda rappreżentant politiku m'għandu dritt jikri s-swali tagħna. Qabel mal-bqija tal-proposti tar-rapport. Il-kunsillier Graziella Schembri ssekondjat il-proposta.

32.5.4 Kien hemm talba għall-approvazzjoni ta' tlett Tower Cranes fil-lokalita:

Waterfront Hotel: Il-Kunsill qabel mal-proposta bil-kundizzjoni li jkun hemm biżżejjed dawl mal-Crane, scaffolding u amber lights biex jindikaw li hemm ostaklu wara kantuniera. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien oġġezzjona l-ewwel proposta peress illi ma kienux ikkunsidraw is-sigurta tan-nies fil-fehma tiegħu peress illi kienu se jagħmlu żebra crossing mal-kantuniera [blind corner]. Il-Kunsill qabel, iżda lmentaw li dan kien diġà għamel il-base tal-crane mingħajr permess.

Triq ir-Rebħa: Il-Kunsill talab iżjed informazzjoni rigward it-tul ta' żmien tal-proġett, kif ukoll safety report peress illi hemm Tower Crane fil-viċinanza.

Ponsomby: Qablu bil-kundizzjoni li s-sid jibgħat it-timeframe tax-xogħol, kif ukoll jekk jagħddu karrozzi peress illi t-triq 2 way.

**Il-kunsillieri Wayne Hewitt u Graziella Schembri telqu fit-8.30pm**

Is-Sindku qal illi jixtieq illi nirċievu FDP għal kull permess illi joħroġ fil-lokalita

**Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għaddew tlett sigħat mill-bidu tal-laqgħa u talab l-approvazzjoni tal-kunsilliera preżenti biex nestendu l-laqgħa biex jiġu diskussi l-items kollha fl-Aġenda. Il-Kunsill qabel.**

## 32.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

32.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippropona li niftħu sejħa għall-impjegata taħt Skala 13 peress illi għandna tnejn taħt l-istess Skala 15. Qal illi f'dan il-każ nibdew billi niftħu sejħa internali, iżda hemm persuna waħda li hi eliġibbli peress illi għanda t-tlett snin esperjenza li hemm bżonn biex wieħed japplika. Is-Sindku qabel. Il-kunsillier Neville Chetcuti ssekondja l-proposta.

32.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq talba biex isiru double yellow lines fejn il-Waterfront, kif ukoll f'triq Manoel de Vilhena, peress illi se jsiru proġetti fit-tul. Il-kunsilliera ma qablux. Qablu li jingħataw tabelli No Parking. Is-Sindku qal illi fil-fehma tiegħu 50cents għall-kull parking huwa ftit u l-ammont għanda tiġi kkonsidrata. Il-Viċi Sindku ssekondja dan il-punt

32.6.3 Il-kunsilliera approvaw li fil-ġranet ta' wara l-laqgħa jirċievu l-iskeda ta' laqgħat għal 2017. Qablu li għandhom isiru nhar ta' Tlieta fejn possibbli u kull tlett ġimgħat

32.6.4 Il-kunsilliera approvaw li l-ikla tal-istaff issir f'Jannar. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jibgħat invit għas-6 ta' Jannar.

32.6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill se jkun magħluq fl-24 u fl-31 ta' Diċembru 2016. Fil-ġimgħa tal-Milied se naħdmu bi skeleton staff u ppropona li niftħu għall-pubbliku sa 12.30 biex inkunu konformi mal-liġi. Qal illi tkellem mal-impjegat illi se jkun hemm miegħu u li se niftħu għall-pubbliku sas-1.30pm. Il-Kunsill qabel.

32.6.6 Is-Sindku qal illi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ra kif se naħdmu vis-a-vis CCTV fil-lokalita, u waqt illi għad hemm ħafna riċerka li għandna nagħmlu, hemm il-ħsieb illi nordnaw ma 40 kameras fil-lokalita. Dawn se jintużaw biex nieħdu focal point madward kważi kull area fil-lokalita u se jgħinu biex nieħdu ħsieb ħafna problemi eżeiztenti tal-iskart/permessi eċċ. Qal illi għandna nikkomunikaw ma ħafna entitajiet biex naraw kif għandna naħdmu
Il-Viċi Sindku staqsa jekk se nieħdu l-flus tal-multi aħna. Is-Sindku qal illi rridu naraw kif se naħdmu qabel ma nikkomettu ruħna. Il-Viċi Sindku ssekondja l-proposta.

## 32.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

32.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma jistax japprova l-pagament nru 14 fuq il-PAS peress illi kien ħareġ Direct Order għal dak il-prezz meta mhux suppost. Qal illi se jara kif għandna nieħdu ħsieb il-pagament bl-approvazzjoni tal-awdituri peress illi diġà ngħata s-servizz u peress illi l-kuntrattur għandu dritt għall-flus.

32.7.2 Il-Kunsill approva l-PAS.

## 32.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

32.8.1 Il-laqgħa intemmet fit-9pm u ġiet aġġornata għas-17 ta' Jannar 2017 fil-5.30pm

Konfermati, illum il-Ħamis 17 ta' Jannar 2017.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

Conrad Borg Manche
Sindku

Anthony Attard
Segretarju Eżekuttiv